# #11

Kurt Gabriel Meli

L-ewwel darba li qbadt l-aħħar karozza tal-linja lura d-dar kellek qalbek tħabbat sitta sitta bil-biża' li ma tilħaqhiex. Il-Belt mhux suppost rajtha hekk. Kienet affari sigrieta. Ma ħassejtekx denju tara x'jiġri b'min jifdal wara li tkun tefgħet 'il min iżurha barra. Speċi ta' klabb li kulħadd jaf bih imma ħadd ma jaf kif jissieħeb. Tawk permess tidħol, ta' darba, biex jaraw intix lest tingħaqad magħhom.

Irkibt il-bus tiġri ma' sħabek u qas biss tajt kas hix it-tajba jew le. Bil-mutur ibennek fin-nieqa u b'għajn waħda tmur bik, ħarist 'il barra, u stajt tilmaħ l-irħula kollha jqumu min-nagħsa, jistejqru u jiġu f'tagħhom f'serbut wieħed. Laqgħuk bil-fanali maż-żewġ naħat donnok għaddej fuq tapit aħmar. Biżżejjed biex iqajjimlek ġismek xewk xewk waqt li jħallik fuq ix-xwiek biex tara x'inhu ġej. Għadek mhux ċert eżatt fejn sejjer, x'għandek tistenna, kemm se ddur u tiddardar sakemm tasal tiegħek – l-aqwa li fl-aħħar mill-aħħar tasal qawwi u sħiħ.

Bqajt iddur u tagħqad, bit-tama li tinġarr sa dak ir-raħal familjari fejn kollox jaqa' kwiet, fejn torqod, tinsa kollox, u l-għada tibda l-avventura mill-ġdid.

Wasalt, insomma, u dan il-vjaġġ tant misterjuż ma damx ma sar parti mir-rutina ta' kull ġimgħa. Filli skomdu, filli tas-soltu. Xi

darba, il-ħdax ta' filgħaxija kien ħin l-iħirsa u l-fatati, iżda minkejja l-biża' kien jimliek enerġija u jġibek fuq saqajk. Issa, terġa', m'għadux biżżejjed għalik. Aktar ma żżuru 'l xulxin, anqas ma baqa' jagħmel bik. Stmerrejtu u qlibthielu ma' sieħbu ta' nofsillejl, sakemm daqqew is-siegħa, u sa sagħtejn wara tlieta oħra lħaqt dort.

Filwaqt li ħaddieħor jitgħaxxaq jixxemmex, inti minn dejjem kont taf li postok tilgħaq il-qamar. Kont tgħodd il-minuti sakemm l-arloġġ irabbi raġġiera, jinqata' minn mal-ħajt, jogħla fis-sema u jsir ballun bil-mirja, jirrifletti kulma jsir fit-Tramuntana; il-kewkba feġġejja; it-telgħa li trid titla' biex titbewwes is-smewwiet u tersaq eqreb lejh.

Għal ħaddieħor, il-qamar kien dak li jġib id-dlam; għalik, kien dak li jitfa' dawl fuq dinja ġdida. Miegħu stajt issarraf f'realtà dik il-ħolma ta' meta kont ċkejken li xi darba titla' fl-ispazju. Sar il-maħbub tiegħek, dak l-imqareb li kont tiffansja u toħlom dwaru, dak li ħabba fih sirt tiskarta u tittraskura l-art li trabbejt fuqha.

Kollox kien ġdid fjamant, u l-aħħar karozza tal-linja mill-Belt malajr saret it-taxi li tieħdok sal-qamar biex tkomplu tinnamraw. Tiftakar l-ewwel darba li bistu taħt id-dawl li jarmi, bil-kwiekeb jixegħlu apposta għalik. Tiftakar kemm kont taqa' ħażin meta taqbdu jinnamra ma' ħaddieħor, u fuq kollox tiftakar it-tisbita tal-ballun bil-mirja jaqa' mal-art, meta kissirhulek u farrakhulek f'elf biċċa li ħsibt li qatt m'int se tkun tiflaħ tiġborhom u twaħħalhom lura. X'qawmien mir-raqda, dak il-lejl kif intbaħt li anki inti sirt sempliċi astronawta, bla isem u bla numru, li xkana għal wiċċu fuq wiċċ il-maħbub tiegħu.

Imma bla ma trid tiftakar ukoll dawk il-ġrajjiet mistura – dawk li poġġejt la ġenba, fejn id-dawl tiegħu ma jilħaqx imma li xorta waħda qegħdin hemm. Dak li kont tagħmel jew għax tgħallimt mingħandu u ridt turi x'taf, jew dak li kont tagħmel għax sempliċement ma kontx taf aħjar. L-ewwel żjarat fuq pjaneti oħra, in-nixxigħat li nixfu wara li waqaft iżżurhom u ħriġthom mill-orbitu tiegħek, sakemm ma felħux aktar, ċedew bil-gravità tagħhom u saru frak huma wkoll. Tfarrku huma jew farrakthom inti? Misteru misħut ieħor tal-univers. Il-fdalijiet ta' dinjiet li se tibqa' ġġorr għal għomrok fuq spallejk.

Kienet missjoni mudlama. Dħalt għaliha, l-astrologu taparsi astronomu, konvint u persważ li se tkun inti, l-ewwel bniedem li qatt rifes fuq il-qamar. Imbagħad dik ir-realizzazzjoni morra meta rġajt qbadt art fuq il-pjaneta ta' oriġini u skoprejt li kien hemm elf bniedem bħalek li rifes fuqu qablek, u għad irid ikun hemm elf bniedem ieħor li jirfes fuqu warajk.

Ma kinitx l-aqwa relazzjoni, la għalik u lanqas għalih. Imma kienet relazzjoni li kellha ssir, trid jew ma tridx. Bid-difetti kollha li kellkom, kellkom tibdew minn xi mkien. Bilfors kellek titfa' rasek fis-sħab u temmen li inti kont l-ewwel persuna fuq il-qamar, u bilfors kellek tixkana għal wiċċek int u nieżel lura minn dik il-ħrafa li ħloqt. Parti mill-istorja mhux miktuba tal-univers.

Int u l-qamar għadkom taraw lil xulxin minn żmien għal żmien, u kultant għadkom tweġġgħu 'l xulxin, tinfexxu f'xulxin jew tiġu fl-idejn. Imma l-ġlied sar isir anqas u anqas ta' spiss, u bil-mod il-mod, meta ma jkunx qed iħares, bdejt titgħallem kif tixxemmex.

M'għedtlux għadek, imma żgur ġa jaf.